MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 476/2005

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Antoinette Sciberras**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta' Lm1046.65 dovuti bhala bilanc ta' debitu ta' "Loan Account" kif ukoll debitu ta' "Interest Disposal Account".

Ra r-risposta fejn l-konvenuta fl-ewwel lok qalet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Fit-tieni lok qalet illi mhijiex debitrici tas-socjeta attrici u mhux minnhu li sar ftehim bejn il-kontendenti dwar dawn l-accounts.

Fit-tielet lok qalet illi l-ftehim lil sar kien illi hi kellha trod lura s-somma ta' Lm919.52 minghajr imghax u b'rati mensili ta' Lm30 izda qalet illi dik is-somma qatt ma' kellha tigi processata bhala loan ordinarja bl-effetti kollha li dan iggib mieghu inkluz xi obbligu li l-esponenta thallas xi imghax, searches fees u legal fees.

Fir-raba' lok qalet illi mill-ammont Lm919.52 diga halslet ammont minnhom bir-rata mensili fuq msemmija u l-Bank attur qatt ma' seta' jwaqqaf il-beneficcju tat-terminu jekk mhux b'talba ad hoc.

Fil-hamest lok il-konvenuta qalet illi biex ikun hemm loan account kellhu jkun hemm ftehim f'dan is-sena u l-Bank attur ma' setghax jiddetermina unilateralment illi hemm loan agreement bl-effetti kollha legali li dan jgib mieghu.

Fl-ahhar lok l-istess konvenuta titlob illi tkompli thallas l-bilanc rimanenti mill-ammont ta' Lm919.52 u dan minghajr imghax jew fees ohra.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Lorna Aquilina li hija ufficjali ta' l-APS Bank fejn tikkonferma li l-konvenuta kienet informathom li tilfet il-fast cash card. Tghid illi s-societa attrici kienet talbet lil konvenuta sabiex tmur tiffirma talli tilfet il-card izda qatt ma' marret.

Fl-istess zmien xorta kienu ghadhom jidhru li qed isiru gbid minn dan il-kont jigifieri kien hemm xi hadd li kien ghadu juza l-card tal-konvenuta. Ghalhekk is-societa attrici kienet informatha li jekk ma' tmurx tiffirma l-bank li tilfet il-card, kien kollha thallas l-ammont migbud mill-card taghha.

F'Marzu 2001 tikkonferma li marret il-konvenuta u informathom illi ma' kienx tassew li tilfet il-card izda kienet hi stess li uzata.

Il-ftehim kien li l-konvenuta thallas Lm30 fix-xahar u l-imghax kellhu jithallas ukoll. Il-pagament ta' Lm30 kien jinkorpora fih l-imghax.

Tikkonferma li l-konvenuta ghamlet biss tlett pagamenti.

Fil-kontro-ezami tghid illi l-partijiet ma' iffirmawx loan contract izda s-societa attrici tqis illi meta jigi ffirmat voucher ikun bhala loan contract. Tghid illi fuq l-istatements li kienu jibaghtu kien jidher car li huwa loan account.

Ra l-istqarrija li ghamlet il-konvenuta quddiem l-iskwadra kontra l-frodi fejn tikkonferma li hi kienet cemplet l-APS Bank u qalet li tilfet il-card fejn ma' kienx veru. Tikkonferma wkoll illi kienet hi li gibdet il-flus u kienet lesta li thallas.

Ra x-xhieda ta' l-Ispettur Martin Sammut fejn jikkonferma l-istqarrija li ghamlet il-konvenuta. Jghid illi fl-istatement li ghamlet il-konvenuta jidher car illi hi stess qalet li lesta li thallas l-ammont kif ukoll l-interessi li hemm.

Ra x-xhieda ta' Sheryl Ciappara li tahdem fir-recoveries ma' l-APS Bank u tikkonferma li kienu hadu proceduri kontra l-konvenuta.

Tghid illi darba minnhom gie Vincent Farrugia f'Mejju 2003 fejn informahom li l-konvenuta ma' kienetx f'posizzjoni li thallas u ghalhekk ried li jhallas hu il-bilanc pendenti. Tghid wkoll illi fil-bidu bdew isiru xi pagamenti izda mbaghad waqfu.

Il-procedura tal-bank hija li jekk ammont dovut lil bank idum ma' jithallas, il-bank jaghmel ricerki fuq id-debitur. Is-societa attrici kienet baghtet ittra ufficjali lil konvenuta.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tikkonferma li ghandha taghti xi flus lis-societa attrici. Tispjega li kienet hasbet illi l-partner taghha kien qed ipoggi xi flus fil-kont u ghalhekk hi baqghet tigbed bil-card.

Tghid illi l-ftehim mall-Bank attur kien li thallas Lm30 fix-xahar u l-imghax jinqatghu pagamenti fi zmien tlett snin.

Tikkonferma li hi qatt ma’ ghamlet loan agreement mal-APS Bank. Qatt ma’ ghamlet contract of loan u qatt ma’ sar diskors dwar dan. Tghid li waqfet thallas minhabba li l-bank ghamlu l-ammont dovut bhala loan. Fil-kontro-ezami tghid illi jista jkun li ghamlet xi pagament iehor fl-2005 avolja kien jidher bhala loan. Tikkonferma wkoll illi l-ftehim kien li thallas Lm900 u l-interess in konnessjoni ma’ dan l-ammont ta’ Lm900.

Ra x-xhieda ta’ Vincent Farrugia fejn jghid illi ma’ kienx jaf li l-konvenuta kienet qed tigbed il-flus. Jikkonferma li kien tkellem ma’ Louise Spiteri u l-bank attur kien lest li jaghmel arrangament sabiex il-konvenuta thallas Lm30 fix-xahar. Jghid ukoll illi kien ikkumenta li l-flus li hadet l-konvenuta ma’ kienx loan. Il-konvenuta  gieli taghtu l-flus sabiex imur il-bank izda ma’ jiftakarx kemm saru pagamenti.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Bugelli li f’dak iz-zmien kien Senior Manager Central Advances Unit tal-APS Bank fejn jikkonferma li rcieva rapport li kien hemm debitu kontra l-bank attur u ghalhekk meta ghamel investigazzjoni sab illi d-debitu kien gie b’rizultat li xi hadd gibed il-flus fuq part cash card tal-bank. Jikkonferma li l-konvenut kienet qalet li tilfet il-card.

Il-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-konvenuta thallas Lm30 fix-xahar u fl-istess pagament ta’ Lm30 kien hemm inkluz imghax tmienja punt hamsa fil-mija kif ukoll penali ta’ tnejn fil-mija. Jikkonferma li l-ftehim ma’ kienx bil-miktub pero ghamel nota u kellhu lil Lorna Aquilina bhala xhud.

Jispjega illi kieku l-bank attur halliha bhala ‘encroachment’ kien ifisser illi l-konvenuta kellha thallas l-ammont kollhu mmedjatament u ghalhekk kellha tohrog bhala loan. Jikkonferma li qatt ma’ kien hemm loan agreement jew contract of loan li gie ffirmat mill-konvenuta.

Ikkunsidra li s-societa attrici qieghda titlob Lm1046.65 rappresentanti bilanc ta' debitu ta' 'interest disposal account'. Illi bhala fatt l-konvenuta taccetta li hi debitrici tal-bank izda tghid li qatt ma ffirmat loan agreement u ghalhekk hemm certi spejjez li ma taccettax li ghandha thallashom.

Illi l-bank jghid li wara li l-konvenuta hadet il-flus fejn ma kienx suppost sar ftehim li l-konvenuta thallas lura l-ammont kollu bl-imghax f'pagamenti f'rati mensili. Illi l-bank kellu ihallas legal fees sabiex jaghmel dak li hu necessarju jipprotegi l-interessi tieghu. Illi skond id-dokument esebit a fol. 30 tal-process waqt laqa bejn il-partijiet "it was concluded that the encroachment … was to be continued as a loan account".

Illi l-konvenuta tghid ukoll li hi kellha dritt thallas b'rati mensili u l-bank ma setax iwaqqaf l-beneficcju tat-terminu jekk mhux b'talba ad hoc.

Illi fil-minuti tal-laqa bejn il-partijiet ma jirrisultax li gie miftiehm li jekk l-konvenuta ma thallasx skond il-ftehim hi titlef il-beneficcju tat-terminu izda l-konvenuta kienet debitrici tal-bank u la hi kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim l-bank kellu kull dritt li jippretendi li jiehu l-flus lura f'daqqa u jithallas tal-ispejjes tieghu biex jiehu dawn il-flus.

L-ammont dovut kien miftiehm fil-laqa tad-29 ta' Marzu 2001. Illi l-konvenuta ma gabitx prova tal-pagamenti akkont wara dan il-ftehim.

Ghaldaqstant jichad ir-risposta tal-konvenuta u jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta biex thallas Lm1046.65 bl-imghax u bl-ispejjes kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------